MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI)
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Appell Civili Numru. 860/2000/1

**Anthony Farrugia**

**vs**

**Anthony Vella**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Dicembru, 2001 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"*Il-Qorti,*

*Rat l-avviz mahrug mill-attur fis-7 ta' Lulju 2000 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300.00) li l-konvenut ircieva minghand l-attur taht pretenzjonijiet foloz.*

*Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tad-29 ta' Gunju 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.*

*Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:*

*Illi t-talba attrici hija totalment infondata u bla ebda bazi ta' verita'. Il-konvenut qatt ma ssellef jew ottjena xi flus minghand l-attur.*

*Semghet ix-xhieda bil-gurament.*

*Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.*

*Ikkunsidrat:*

*L-attur ighid illi fi Frar ta' cirka sentejn ilu l-konvenut Anthony Vella kien talbu tlett mitt lira (Lm300.00) b'mod urgenti u dana taghhomlu. Dak iz-zmien kienu hbieb u l-unika kondizzjoni illi l-attur ghamillu kien illi jaghtihomlu lura meta jista. Gie allegat li l-konvenut ried dawn il-flus biex jaghtihom lil certa Anna Scerri illi l-attur kellu grazzja maghha. Il-flus gew konsenjati lill-konvenut dak in-nhar stess li ntalbu, f'denominazzjonijiet ta' ghaxar liri. Prezenti kien hemm Dominic Scerri.*

*Wara xi zmien Anna Scerri kienet cemplitlu u qaltlu biex ma taghti flus lil hadd peress illi hija qatt ma talbet flus. Meta ghadda z-zmien u l-konvenut beda jinnega li huwa rcieva dawn il-flus minghand il-konvenut, u ghalhekk l-attur irrikorra ghand l-avukat u eventwalment il-Qorti.*

*Il-konvenut minn naha l-ohra qieghed jinnega li huwa qatt ha xi flus minghand l-attur. Fost ix-xhieda prodotti hemm Dominic Scerri li suppost kien prezenti meta ghaddew il-flus. Quddiem il-Qorti pero' kullma qal kien biss li ma "jidhirlux" li qatt semgha lill-konvenut jitlob xi flus minghand l-attur u lanqas ra xi flus jghaddu minghand l-attur ghal ghand il-konvenut.*

*Importanti pero' hija x-xhieda ta' George Ciantar illi zmien minnhom inzerta kien ghaddej minn quddiem il-forn tal-*

*konvenut u semgha lill-istess konvenut jikkummenta fis-sens illi ma kienx sejjer jghati l-flus lill-attur peress illi dana ma kellu xejn x'juri illi ghaddihomlu.*

*Il-Qorti jidhirlha illi din ix-xhieda hija determinanti ghall-istanza attrici. Il-Qorti rat il-komportament ta' George Ciantar fuq il-pedana u tara li huwa bniedem kredibbli u veritjer. Mhux l-istess tista tghid ghal Miriam Vella, li minkejja illi nnegat kull konoxxenza ta' din il-vigenda ma hemmx dubbju illi dina taf dwarha ferm iktar milli kienet lesta li tghid lill-Qorti. Evidentement hemm certa diffidenza bejnha u bejn il-konvenut, kif ukoll bejn il-konvenut u Dominic Scerri li wara kollox dan ta' l-ahhar ghadu jahdem mal-istess konvenut, allura l-Qorti tifhem ir-rilottanza illi dana jixhed kontra tieghu. Madana kollu l-Qorti jidhrilha illi l-attur ipprova fi grad illi trid il-Ligi li huwa silef dawn il-flus lill-konvenut u li dana ngustament qieghed icahhdu mir-ritorn taghhom.*

*Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi,*

*Tilqa t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300.00) li l-konvenut ircieva minghand l-attur taht pretenzjonijiet foloz.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.*"

Ikkonsidrat;

Il-konvenut appella mis-sentenza moghtija fil-konfront tieghu. L-aggravju tieghu hu essenzjalment kritika tal-apprezzament li ghamlet il-Qorti ta' prim'istanza tal-provi li tressqu quddiemha. Huwa lmenta mill-fatt illi l-ewwel Qorti tat wisq affidament lill-verzjoni tal-attur u principalment dik tax-xhud George Ciantar prodott minnu. Zied jissottometti illi l-apprezzament tal-provi li ghamlet il-Qorti kien wiehed "zbaljat u gratuwitu", anke ghaliex fil-fehma tieghu l-provi tal-attur appellat ma lahqux il-grad probatorju rikjest mil-ligi.

Qabel ma l-Qorti tinoltra ruhha fl-ezami li trid taghmel fuq dan l-aggravju, jehtieg li qabel xejn jigi spjanat aggravju iehor tal-konvenut li fuqu sahaq bosta fil-kors tad-dibattitu orali. Huwa jghid li l-attur ma rnexxilux jipprova l-kawzali tieghu u cjoe li s-self allegat sar taht pretensjonijiet foloz. Huwa ghalhekk dan l-aggravju li ser jigi trattat l-ewwel.

Jinsab provdut fl-Artikolu 214 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili illi "*fl-ewwel grad, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni taghha inferjuri, jekk ma tigix ippruvata t-talba kif imfissra fic-citazzjoni, izda jigi pruvat jedd iehor ghad li dan il-jedd l-iehor ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali, il-qorti tista' tiddeciedi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk ipprovat, fuq l-istess citazzjoni*."

Dan hu hekk logiku gjaladarba a kuntrarju ta' dak li nsibu fl-Artikolu 156 tal-Kap 12 riferibilment ghac-citazzjoni, li di solitu hi rizervata ghal proceduri fil-qrati superjuri, fil-kaz tal-qrati l-ohra fuq imsemmija fil-kompetenza taghhom inferjuri c-citazzjoni ossija l-avviz jibbasta li jikkontjeni fih, oltre l-firma tar-Registratur, "*l-isem u l-kunjom ta' l-attur u tal-konvenut, it-talba ta' l-attur, u l-jum u l-hin meta l-konvenut ghandu jidher*" (Art 171 (1) Kap 12).

Minn dawn id-disposizzjonijiet huwa bil-wisq evidenti illi "*il-qorti ta' gurisdizzjoni civili ta' sede inferjuri mhiex marbuta bil-kawzali ta' l-avviz*" – "**Francis Fenech –vs- Joyce Restall et**", Appell Sede Inferjuri, 29 ta' Marzu 1982; "**Donald Darmanin –vs- Direttur tal-Portijiet**", Appell Sede Inferjuri, 9 ta' Novembru 1977.

In vista tal-premess dan l-aggravju tal-konvenut huwa guridikament insostenibbli.

Dwar l-aggravju fil-meritu ma jidhirx li l-valutazzjoni tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti ghandu jkun censurabbli; multo magis, imbaghad, meta din l-istess valutazzjoni kienet tiffavorixxi l-verzjoni li kienet l-aktar kredibbli.

L-ewwel Qorti kellha l-opportunita' li tezamina lill-partijiet u lix-xhieda taghhom fil-pedana tax-xhieda u kienet sodisfatta, illi l-verzjoni tal-konvenut bin-negazzjoni assolutista tieghu fin-nota tal-eccezzjonijiet (fol 8) u fid-deposizzjoni tieghu (fol 16) ma kellhiex tigi emmnuta.

Fil-fehma wkoll ta' dina l-Qorti kien evidenti ghall-ewwel Qorti illi x-xhieda ta' Domenic Scerri (fol 24), impjegat mal-konvenut, ma setghetx tkun accettata bhala wahda plawsibbli. Meta mistoqsi jekk semghax xi diskors (dwar self) jew rax il-flus ghaddejjin minn id ghall-ohra, huwa illimita ruhu biex jghid "*ma jidhirliex*". Mhux hekk invece ix-xhieda ta' George Ciantar, u kienet ghal kollox korretta l-Qorti li tat aktar affidament lid-deposizzjoni tieghu (fol 37).

F'kwistjonijiet ta' din ix-xorta dak li jinghad li ghandu jkun il-fattur l-aktar sostanzjali huwa jekk il-Qorti ghandhiex temmen lill-appellant fl-allegazzjoni centrali u bazika tieghu jew ghandhiex tiskartaha bhala wahda ghal kollox inattendibbli. Trid tara, s'intendi wkoll, jekk il-provi jsostnux il-verzjoni ta' l-attur jew invece dik tal-konvenut. Kif ragonat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrugia –vs- Rokku Farrugia**", Prim'Awla, Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966, "*Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant*."

Stabbilit is-suespost, din il-Qorti ma ssibx raguni biex tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti. Kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenut appellant ma jokkorrux cirkostanzi li serjament jiskossaw dan l-apprezzament.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

Dep/Reg
cb